MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 379/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Cacciattolo**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Cacciattolo, bin Anthony u Filomena Gatt, imwieled fid-29/1/60 (ID118360M) talli fit-28 ta' Gunju 2007 ghall-habta ta 21.45 hrs. bhala persuna responsabbli mill-hanut La Spiaggia, Triq il-Bajja s-Sabiha, B'Buga, halla, pogga jew ippermetta li jitqeghdu siggijiet u mwejjed jew ghamara fuq barra ta' xi stabbiliment turistiku minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita` tat-Turizmu;

Rat is-sentneza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Ottubru 2007, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Saviour Cacciattolo hati skond l-imputazzjoni kif

dedotta izda lliberatu “bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghall-periodu ta’ tlett xhur” mid-data ta’ dik l-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-2 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Frar 2008; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu li l-ewwel qorti ma setghetx skond il-ligi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 446, izda kellha tapplika piena ta’ multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira (Lm500).

F’dan il-kaz ftit li xejn hemm x’wiehed jghid. L-appellat instab hati skond l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409, liema disposizzjoni tal-ligi tipprovdi ghal multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira. Is-subartikolu (3), imbaghad, ta’ l-imsemmi Artikolu 43 jipprovdi espressament li “Id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx dwar reati msemmija fis-subartikolu (1).” Disposizzjoni aktar cara min hekk wiehed ma jistax isib. L-ewwel qorti ghalhekk, u kif korrettement jilmenta l-Avukat Generali, ma setghetx taghti f’dan il-kaz “conditional discharge”. L-appell ma jistax hlief jintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u lliberat lill-appellat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett xhur, u minflok tikkundanna lill-appellat Saviour Cacciattolo multa ta’ elf mija u erba’ sittin ewro u tmienja w sittin centezmu (Ewro 1,164.68), konvertibbli f’disgha u disghin (99) gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------